
TEATRU MALTA
PROGRAMM JAN–APR 2020
IL-KUMPANIJA
TAT-TEATRU
~~IL-KELB~~
NAZZJONALI
TIEGĦEK
MT

/teatrumalta

ILLAJKJANA

IFFOLOWJANA

ITTWITJANA

ARANA



Aktar minn **75%** attendenza medja tal-udjenza, aktar minn **20** produzzjoni s'issa, **50** spettaklu tul dawn l-aħħar sentejn, u **10,000** segwaċi fuq il-midja soċjali; **30** post fi **18**-il lokalità madwar Malta u Għawdex, f'kollaborazzjoni ma' aktar minn **40** imsieħeb pubbliċi u privati; ħdimna ma' iktar minn **21** skola, 'l fuq minn **130** artist, u **110** timijiet tal-produzzjoni u membri tal-kru ta' wara l-kwinti.

Bdejna l-2020 u din is-sena se nippreżentawlkom viżjoni perfetta. Qed niċċajta. Fil-fatt, jidher li ħafna ditti jafu joffru viżjoni perfetta din is-sena. Huwa ovvju li jagħmlu hekk imma jkunu kemxejn qarrieqa. Il-viżjoni 20/20 fil-fatt titkellem dwar l-akutezza tal-vista - kemm wieħed jara ċar - li hija biss parti waħda mill-abbiltà tal-bnedmin biex jaraw. Bażikament l-akutezza viżwali tiddefinixxi biss kemm persuna tkun kapaċi tara l-oġġetti minn għoxrin pied 'il bogħod. Platun iddikkjara li l-viżjoni hija l-aktar waħda nobbli mis-sensi kollha minħabba ħafna iktar minn hekk. Huwa ċar li l-viżjoni li rridu nitkellmu dwarha hawnhekk mhix sempliċement pjan, jew kalendarju. Hija l-abbiltà li tara lil hinn mill-ponta ta' mnieħrek, ferm lil hinn minn dak li tilħaq l-għajn; huwa l-poter li timmaġina lil hinn mill-akbar ħolm tiegħek; il-ħila li tbiddel l-istatus quo. Din żgur li mhix "perfetta". WIlliam Turner ma kienx jara l-kuluri għax kien "colour-blind", Da Vinci kellu eżotropija intermittenti, John Milton għama qabel kiteb "Paradise Lost". Allura aħna tassew kuntenti li għandna viżjoni, u kelb.

Il-kelb li taraw fuq il-qoxra u l-parti ta' wara ta' dan il-programm huwa fil-fatt Pharaoh Hound, Kelb tal-Fenek. Huwa l-kelb nazzjonali ta' Malta, indiġenu għal gżiritna. Ir-razza għandha aktar minn 2,000 sena. Huwa l-uniku kelb fid-dinja li jiħmar. Bħala "sighthound" jew kelb li jikkaċċa primarjament bl-vista aktar milli bix-xamm, il-Kelb tal-Fenek għandu sens qawwi tal-vista. Il-logo tat-trademark tagħna huwa bbażat fuq mudell tal-maskra tal-karti ta' dan il-kelb.

Issa, bħall-klieb kollha, ġeneralment irridu nkunu ħbieb miegħek u rridu nqattgħu ħafna ħin miegħek. Huwa għalhekk li ser nippreżentaw il-programm tagħna kull erba' xhur tas-sena. B'dan il-mod nemmnu li nistgħu nkunu aktar flessibbli, aktar urġenti u x-xogħol tagħna jista' jinħass eqreb lejn l-udjenzi tagħna. F'dawn il-paġni tistgħu taqraw il-pjanijiet tagħna għall-ewwel erba' xhur tal-2020. Imbagħad ikollna avvenimenti, komplotti u strateġiji regolari biex tkunu tafu x'qed nagħmlu għall-kumplament tas-sena. Jekk tafna, taf li aħna dejjem ikollna l-aħjar interess tiegħek f'moħħna. L-istess bħall-klieb. Għaldaqstant iċċekkja l-produzzjonijiet li dalwaqt jaslu f'teatru viċin tiegħek. imma agħti ħarsa wkoll lejn ix-xogħol li jikkatalizza l-bidla u jipprovoka diskussjoni fl-ambitu tat-teatru lokali bħal XENI u Taħdita Teatru. Bħall-klieb, għandna bżonnok attent. Bażikament aħna kollha klieb hawn.

Din hija biss ir-raba' sena mill-eżistenza ta' Teatru Malta, u hija t-tielet sena ta' programmazzjoni tagħna. Hemm aforiżmu antik li jgħid li jekk tagħti forestier sitt sigħat biex jaqta' siġra, huwa jagħmel l-ewwel erba' sigħat isinn il-mannara. Jiġifieri, jekk nimxu bħal dan, f'Teatru Malta għadna qed insinnu. Fil-verità, nixtiequ nibqgħu nsinnu bla ma qatt inqaċċtu s-siġra. Bħalissa diġà qed jinqerdu jew jinħarqu wisq siġar madwar id-dinja. Il-punt hu li dan il-programm attwali huwa dwar il-fatt li aħna dejjem għaddejjin insinnu u niffukaw il-viżjoni tagħna. Wassalnilek xogħol relevanti ta' kwalità tajba, f'kull tip ta' post. Tista' tarana u tgawdina fi kwalunkwe post, kullimkien u fejn l-inqas tistenna li se tarana; klabb tat-trobbija tal-ħamiem, is-Salini tax-Xwejni, il-foss tal-Mdina, iċ-Ċinema Rialto, kif ukoll f'postijiet aktar standard bħall-majjestà tiegħu, it-Teatru Manoel. Ridna noħolqu xogħol ġeneruż li jsib il-kwalità fl-onestà tal-proċess, bħal Ħax-Xjuħ u Trikki Trakki. Xogħol kollaborattiv li jespandi l-konfini ta' storja lokali bħal VII u l-Panto fid-Dlam. Xogħol ambizzjuż li jisfida udjenzi żgħażagħ bħal Larinġa Mekkanika u Il-Qtates ta' max-Xatt. Ħafna minn dan ix-xogħol qed ikompli jiġi żviluppat aktar flimkien ma' xogħol awdaċi ġdid. Iżda ħafna minn dan issa jinħass wisq 2019.

Xi ngħidu dwar l-2020? X'inhi l-viżjoni? Staqsi lill-kelb.

**— Sean Buhagiar**

VIŻJONI 20/20

# XENI

**10 ta' JAN — 23 ta' FRA 2020**

Id-dinja tat-teatru tevolvi kontinwament: materjali ġodda, teknoloġiji ġodda, ideat ġodda, li kollha jirrikjedu l-abbiltajiet ta' disinjatur li kapaċi jwassal kull viżjoni artistika mid-disinn għall-palk. Is-sett għandu rwol ċentrali fir-rakkont ta' kwalunkwe produzzjoni, rwol li jitlob relazzjoni kollaborattiva bejn dawk li jpittru s-sett, dawk li jibnuh, u d-disinjaturi tad-dawl. **XENI** huwa proġett retrospettiv kurat mid-disinjatur Taljan Romualdo Moretti li ħadem mal-iktar kumpaniji teatrali prominenti madwar Malta u Għawdex. Dan il-proġett huwa prodott minn Teatru Malta b'kollaborazzjoni ma' Spazju Kreattiv bl-intenzjoni li jipprovdi lill-udjenzi b'ħarsa rari lejn dawn l-aħħar għaxar snin ta' xenografija lokali.

**Workshops**

Bħala parti minn **XENI**, ser jingħataw ukoll serje ta' workshops minn għadd ta' tuturi magħżulin għall-esperjenza tagħhom, kif ukoll wirja li tenfasizza x-xogħlijiet tal-aktar disinjaturi u bennejja tas-sett prolifiċi fil-gżejjer kif ukoll żewġ taħdidiet li qed iseħħu flimkien mal-istess proġett.

**KURATUR U DISINJATUR**
Romualdo Moretti

**ARTISTI TAL-WIRJA**
Joe Galea, Pierre Portelli, Romulado Moretti, Claudio Apap, Matthew Pandolfino, Austin Camilleri, Ino Bonello, Ray Farrugia, Joseph Cauchi, Andrew Borg Wirth, Adrian Mamo, Carmelo Bezzina

**GĦALLIEMA TAL-WORKSHOPS**
Joe Galea, Mario Paulantonio, William Iles

taħdita TEATRU.

**POST**
Spazju Kreattiv Spazji C1-C4

**WORKSHOPS DWAR IL-KOSTRUZZJONI U L-KULUR TAS-SETT**
17th—19 ta' JAN 2020 / €20

**WORKSHOP DWAR ID-DISINN TAD-DAWL**
31 ta' JAN — 2 ta' FRA 2020 / €20

**TAĦDITA TEATRU**
31 ta' JAN 2020

**ACM LAB**
23 ta' JAN 2020

# L-INTERROGAZZJONI 16+

**7—10, 12, 14—16 ta' FRA 2020**

Lee-N Abela se tidderieġi **L-Interrogazzjoni**, dramm ġdid u trasgressiv tad-drammaturgu Malti **Alfred Buttigieg**. X'għandha tagħmel persuna meta l-pulizija tikkunsidra li l-każ huwa magħluq, u l-irjus il-kbar idawwru wiċċhom in-naħa l-oħra? Dramm li huwa kemm thriller kriminali li jisfida dak li nistennew dwar is-sessi, kif ukoll battalja erotika intelliġenti. Ħarsa lejn il-ħajja ta' koppja magħmula minn Martina u Stephanie, partijiet interpretati minn Clare Agius u Angele Galea, li minħabba l-passat tagħhom isibu ruħhom imsakkrin f'logħba partikolari li donnhom huma kkundannati li jilagħbu u jerġgħu jilagħbu. Logħba bbażata fuq qtil tal-biża'.

Stephanie hija spekulattiva u m'għandha l-ebda intenzjoni taqbad u temmen lil Martina jew xi spjegazzjoni uffiċjali bla ma tifli l-fatti. Dawk li għaddew minn din l-istorja jidhru li baqgħu għaddejjin b'ħajjithom qisu xejn mhu xejn, iżda t-trawma daħlet fil-fond, forsi saħansitra fil-fond daqs imħabbithom. L-ossessjoni li għandhom Martina u Stephanie dwar xulxin laħqet punt kritiku u tista' issib żvog biss permezz ta' verżjoni erotika tal-logħba noli, jew aħjar logħba serja tal-pulizija kontra l-ħallelin; logħba li fiha kull waħda minnhom trid jew tiżvela biżżejjed minnha nfisha biex tnizzel lill-oħra iktar fil-fond u tikxef lilha nfisha jew biex aktar tkun fil-kontroll tagħha.

Dan l-ispettaklu se jsir f'residenza privata u l-udjenza se tingħata te jew inbid wara l-ispettaklu. Qtil, erotizmu, tè u inbid. Mhux ħażin għal serata barra.

**POST**
Residenza Privata, Ħal Għargħur

**ĦIN**
5PM / 8PM

**LINGWA**
Malti

**PREZZ**
€18 / €15

**DIRETTRIĊI**
Lee-N Abela

**JIEĦDU SEHEM**
Clare Agius & Angele Galea

**KITTIEB**
Alfred Buttigieg

**DISINJATUR TAL-PRODUZZJONI**
Andrew Borg Wirth

taħdita TEATRU

**TAĦDITA TEATRU SPEĊJALI F'JUM SAN VALENTINU**
14 ta' FRA 2020 / €30

# TRIKKI TRAKKI

**2–8 ta' MAR 2020**

**Trikki Trakki** se jagħlaq TLIETA! Il-festival popolari jirritorna fil-Blue Box għat-tieni darba u se jagħti opportunità lill-istudenti ta' skejjel li japplikaw jaħdmu ma' diretturi ewlenin tat-teatru biex jipproduċu adattamenti ġodda fjamanti ta' drammi klassiċi popolari.

Dan il-festival uniku għat-tfal mit-tfal joffri lill-istudenti l-opportunità li mhux talli jiżviluppaw il-kreattività u t-talent tagħhom iżda joħolqu wkoll produzzjoni teatrali taħt l-attenzjoni u l-għarfien espert tal-aqwa tuturi u diretturi tas-settur. Dan jippermettilhom iduqu l-verità tax-xogħol fid-dinja reali tat-teatru. Mid-disinn tal-kostumi, l-irtokk u d-dwal sat-tħejjija tas-xenarju u l-ħolqien tal-props, dawn it-tfal se jaslu biex jagħmlu dan kollu!

*B'kollaborazzjoni mal-Unità tal-Avvenimenti, l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, u d-Drama Unit fi ħdan id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Valutazzjoni.*



TRIKKI TRAKKI

**DIRETTRIĊI TAL-FESTIVAL**
Antonella Axisa

**DIRETTURI TAL-PALK**
Simon Bartolo, Denise Mulholland, Nicole Cuschieri, Chris Gatt, Clive Piscopo, Isabelle Gatt

**SKEJJEL**
St Michael School, San Anton School, Ħandaq Middle School, St Theresa College Birkirkara Middle School, Saint Albert the Great College, MVPA (Malta Visual and Performing Arts School)

**KOSTUMI U PROPS**
Isabel Warrington

**POST**
M-Space, Blue Box, l-Imsida

**ĦIN**
5:30PM / 7PM (is-Sibt) /
10AM, 11:30AM (il-Ħadd)

**SPETTAKLI GĦALL-PUBBLIKU**
7–8 ta' MAR 2020 / €5

**LINGWA**
Malti u Ingliż



# A STROKE OF (BAD) LUCK (12+)

**17—19, 24—26 ta' APR 2020**

Magician famuż darba qal, "l-unika xorti tajba li kellhom bosta rġiel kbar kienet li twieldu bl-abilità u d-determinazzjoni li jegħlbu x-xorti ħażina", allura Colin Willis huwa tabilħaqq raġel kbir. Wara korriment f'daqqa s-sena l-oħra, Colin jinsab lura u lest biex jitla' fuq il-palk tal-Club Room f'April li ġej. Min hu dan Colin allura? Ħadd ħlief il-kummissarju għoli tal-Awstralja f'Malta. Huwa ġie hawn ħabba x-xogħol, sar iħobb, ħalla xogħlu u baqa' hawn biex ikompli bil-passjoni ta' ħajtu, it-teatru, fejn sar pedament fil-produzzjonijiet teatrali lokali.

**A Stroke of (Bad) Luck** hija biċċa xogħol bijografika bbażata fuq il-ħajja ta' Colin, li sofra puplesija xi snin ilu, wara li ġie jgħix Malta. Dan huwa ritratt personali u intimu ta' raġel u s-sieħba tiegħu, l-attriċi u direttriċi ta' esperjenza Nanette Brimmer, waqt li huma jaslu biex jaċċettaw dik li saret il-ħajja normali il-ġdida tagħhom. Il-produzzjoni tfisser ukoll id-debutt ta' Simon Sharkey f'Malta bħala ko-kittieb ma' Nanette Brimmer u direttur tal-ispettaklu. Sharkey huwa direttur tat-teatru stabbilit u eks Direttur Assoċjat tat-Teatru Nazzjonali tal-Iskozja.

*B'kollaborazzjoni ma' MADC u l-British Council.*

**KITTIEBA**
Simon Sharkey & Nanette Brimmer

**DIRETTUR**
Simon Sharkey

**DISINJATRIĊI TAL-PRODUZZJONI**
Francesca Mercieca

**DISINJATUR TAL-ĦOSS**
Mario Sammut

tahdita TEATRU

**POST**
MADC Clubrooms, Santa Venera

**ĦIN**
8PM

**LINGWA**
Ingliż

**PREZZ**
€15 / €12 (konċessjoni)

**TAĦDITA TEATRU**
17 ta' APR 2020



# XILALLU

**25 ta' JAN, 7 ta' MAR, 25 ta' APR 2020**

Jekk kien mingħalik li ma kontx se terġa' tara Xilallu wara Notte Bianca f'Ottubru li għadda, mela kellek żball! Dawk l-imqarqċin ta' Xilallu jinsabu kkargati u lesti biex jidħlu sparati fl-2020, allura lesti ruħek għax beħsiebhom iwaqqfuk milli tkun qed tagħmel f'nofs il-Belt Valletta. Wara li ħadu mentoring minn artisti Taljani mħarrġa fiċ-ċirklu, mill-iskola Flic Circus f'Awwissu li għadda, ġinnasti, free-runners, artisti u membri tal-grupp lokali Maltese Motion taħt id-direzzjoni tad-direttur tal-provi Claudio Carta u b'kollaborazzjoni ma' Studio 18 ħejjew serje ta' sorpriża tat-triq li għandhom ipaxxu lil min ikun preżenti.

Dan il-proġett kontinwu huwa magħmul minn għadd ta' wirjiet ipprogrammati matul is-sena fejn kull wieħed minnhom jgħaqqad l-akrobazija, il-moviment, ir-reċtar u l-parkouring biex joħloq djalogu li jitfa' dawl fuq kwistjonijiet soċjali attwali. Bl-Aġenzija Żagħżagħ bħala s-sieħeb ewlieni tagħna, il-komunità adoloxxenti hija l-udjenza tagħna, u t-toroq huma l-palk.

Attenti għax ġejjin!

*B'kollaborazzjoni ma' Aġenzija Żgħażagħ u Studio 18.*

**POST**
X'imkien fil-Belt Valletta

**PREZZ**
B'xejn

**LINGWA**
Malti

## XILALLU!

**DRAMMATURGU**
Jean-Marc Cafà

**DIRETTUR TAL-PROVI**
Claudio Carta

# TAĦDITA TEATRU

Teatru Malta u Spazju Kreattiv qegħdin jingħaqdu għal staġun ieħor eċċitanti ta' **TAĦDITA TEATRU** u int mistieden tingħaqad magħna għal sensiela ġdida ta' diskussjonijiet u xarba wara l-ispettakli.

Il-kunċett wara dawn it-taħdidiet jiffoka u ġie żviluppat madwar il-programm tal-istaġun ta' **Teatru Malta** u l-programm teatrali kontemporanju ta' **Spazju Kreattiv**; serje li għandha l-għan li toħloq spazju għall-impenn u d-diskussjoni fil-komunità bejn persuni kreattivi u l-pubbliku.

Ma nistgħux nisħqu biżżejjed kemm huwa fil-fatt importanti li l-persuni kreattivi jiltaqgħu flimkien u jiddiskutu dak li qed jiġri f'ħin reali, għaliex jekk ix-xogħol ma nitkellmux dwaru ma jibqax jeżisti. Tajjeb, ħażin jew ikraħ, ejja nitkellmu dwaru, ovvjament b'tazza nbid.

SKEDA

**JAN—APR 2020**

- **XENI**
  il-Ġimgħa, 31 ta' JAN 2020
- **L-Interrogazzjoni (Edizzjoni Speċjali għal Jum San Valentinu)**
  il-Ġimgħa, 14 ta' FRA 2020
- **A Stroke of (Bad) Luck**
  il-Ġimgħa, 17 ta' APR 2020








# BANKETT GĦALL-JUM DINJI TAT-TEATRU

**FTAKAR ID-DATA – 27 ta' MAR 2020**







**Restrizzjonijiet tal-età**
Jekk jogħġbok irreferi għad-deskrizzjonijiet tal-avvenimenti speċifiċi għal rakkomandazzjonijiet tal-età.

**Aċċessibbiltà**
Teatru Malta jipprova jkun aċċessibbli kemm jista' jkun, f'kull ħin u fil-postijiet kollha. Il-persuni b'diżabilità li jixtru l-biljetti mill-uffiċċju tal-booking huma ġentilment mitluba biex meta jixtru l-biljett jinfurmaw lill-istaff bil-punti t'hawn taħt, billi jċemplu jew jibagħtu email. Teatru Malta titlob lil dawk kollha li jużaw is-siġġu tar-roti biex jaslu 15-il minuta qabel jibda l-ispettaklu biex ipoġġu bil-kumdità qabel ma dan jibda. Jekk ikun meħtieġ u jekk niġu avżati minn qabel, l-istaff ta' Teatru Malta jista' jiltaqa' ma' min jiġi jara l-ispettakli barra l-post fejn ikunu se jsiru biex tingħata l-għajnuna.

**Konċessjonijiet speċjali**
Jekk int student/a, persuna b'diżabilità, ċittadin/a anzjan/a jew persuna li tagħti d-demm, int eliġibbli għal skont ta' konċessjoni għall-avvenimenti kollha tagħna. Dakinhar tal-avveniment, huwa meħtieġ li int tippreżenta verifika lill-persuni nkarigati mal-bieb biex jivvalidaw l-iskont ta' konċessjoni tiegħek.

**Trid tkun taf iktar?**
Għal aktar tagħrif dwar il-biljetti, segwina lejn il-wied minn fost iċ-ċpar billi:

Iżżurna fuq teatrumalta.org.mt

Iktbilna fuq contact@teatrumalta.org.mt

Ċemplilna fuq 2122 0255

## Programm

**DISINN**
BloomCreative

**TRADUZZJONI U QARI TAL-PROVI**
Simon Bartolo

**STAMPAR**
Poultons Ltd.

## Sessjoni Fotografika għall-Kampanja tal-2020

**FOTOGRAFIJA**
Lindsey Bahia

**MUDELL**
Lorenzo Zammit

**POST**
Lorenzo's House

## Teatru Malta Team

**DIRETTUR ARTISTIKU**
Sean Buhagiar

**EŻEKUTTIV TAL-PROMOZZJONI U L-BRAND**
Alessia Caruana

**AMMINISTRATUR TAL-PRODUZZJONI**
Mireille Estelle Camilleri

**AMMINISTRATUR TAL-FAĊILITAJIET TAL-UFFIĊĊJU**
Antoine Zammit

**UFFIĊJAL KLERIKALI**
Marlon Apap

**EDITUR TAL-KONTENUT**
Simon Bartolo

**MANIĠERS TAL-PRODUZZJONI**
Nicole Blackman, Elaine Falzon

**RINGRAZZJAMENT SPEĊJALI**
Albert Marshall, Etienne Bonello, Siobhan Vassallo, Antoine Pace, Conrad Schembri, Sarah Lee Zammit





## Imsieħba ewlenin

## Ko-produtturi u kollaboraturi

# JANNAR

| T | T | E | Ħ | Ġ | S | Ħ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **01 JAN**<br>**L-Ewwel tas-Sena** | **02** | **03** | **04** | **05** |
| **06** | **07** | **08** | **09** | **10**<br>Ftuħ uffiċjali ta' Teatru Malta u XENI<br>XENI: Wirja | **11**<br>XENI: Wirja | **12**<br>XENI: Wirja |
| **13**<br>XENI: Wirja | **14**<br>XENI: Wirja | **15**<br>XENI: Wirja | **16**<br>XENI: Wirja | **17**<br>XENI: Workshops dwar il-Kostruzzjoni u l-Kulur tas-Sett<br>XENI: Wirja | **18**<br>XENI: Workshops dwar il-Kostruzzjoni u l-Kulur tas-Sett<br>XENI: Wirja | **19**<br>XENI: Workshops dwar il-Kostruzzjoni u l-Kulur tas-Sett<br>XENI: Wirja |
| **20**<br>XENI: Wirja | **21**<br>XENI: Wirja | **22**<br>XENI: Wirja | **23**<br>ACM LAB: Backstage Stories<br>XENI: Wirja | **24**<br>XENI: Wirja | **25**<br>Xilallu: "Little Help"<br>XENI: Wirja | **26**<br>XENI: Wirja |
| **27**<br>XENI: Wirja | **28**<br>XENI: Wirja | **29**<br>XENI: Wirja | **30**<br>XENI: Wirja | **31**<br>XENI: Workshop dwar id-Disinn tad-Dawl<br>XENI: Wirja + Taħdita Teatru | | |